MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 211/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ronnie Muscat**

Il-Qorti,

Regghet rat in-nota tas-*senior probation officer* Mariella Camilleri tal-25 ta' Novembru 2008 li bih ghamlet denunzja fis-sens ta' l-artikolu 21 ta' l-Att VII ta' l-2002 dwar il-*Probation*, u fejn infurmat lil din il-Qorti li l-imsemmi Ronnie Muscat naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal tal-*probation* sabiex huwa jzomm 'il boghod mid-droga, tant li nhar-it Tnejn 24 ta' Novembru 2008 huwa qal kemm lill-ufficjal tal-*probation* kif ukoll lil membri ta' l-istaff ta' Santa Marija li huwa ha d-droga eroina u b'konsegwenza t'hekk safa sospiz mill-fazi tar-*re-entry* tal-programm Santa Marija fi hdan is-SEDQA;

Rat id-digriet taghha ta’ l-istess data li bih appuntat id-denunzja ghas-smigh ghat-28 ta’ Novembru 2008 fid-9.30 a.m.;

Semghet id-deposizzjoni moghtija quddiemha mis-*senior probation officer* Mariella Camilleri u mill-addetta tas-SEDQA Vicky Scicluna;

Semghet is-sottomissjonijiet ta’ l-avukat prosekutur u tad-difensur;

Rat is-sentenza taghha fil-konfront ta’ l-istess Ronnie Muscat tat-23 ta’ Jannar 2006 li biha kienet iddisponiet mill-appell ta’ Ronnie Muscat billi rriformat is-sentenza appellata fis-sens illi rrevokatha in kwantu sabitu hati tat-tielet imputazzjoni, cioe` dik ta’ ricettazzjoni, u minflok iddikjaratu mhux hati taghha u minnha lliberatu, irrevokatha wkoll in kwantu sabitu hati li kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 9 tal-Kap. 152 moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta’ Ottubru 1998 u minflok iddikjaratu mhux hati ta’ tali imputazzjoni u minnha lliberatu, irrevokatha wkoll in kwantu kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sentejn u ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200) u minflok, in kwantu jirrigwarda l-imputazzjoni li kiser il-provvedimenti ta’ l-artikolu 5 tal-Kap. 152 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-14 ta’ Novembru 2000, ittratt mieghu mill-gdid u ghalhekk ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200) u in kwantu jirrigwarda l-ewwel, it-tieni, ir-raba’ u l-hames (dik li sar recidiv) imputazzjonijiet qeghditu taht *probation* a tenur ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta’ tliet snin mid-data ta’ dik is-sentenza taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*probation* li jigi nominat ghal dan l-iskop u bil-kondizzjonijiet kollha fil-*probation order* anness ma’ l-istess sentenza, inkluz fost il-kondizzjonijiet li jikkompleta programm shih ta’ rijabilitazzjoni minhabba l-problema ta’ l-abbuz tad-droga;

Rat l-ordni ta’ *probation* ta’ l-istess data maghmul fil-konfront ta’ Ronnie Muscat li jghid *inter alia* li:

**“Billi Ronnie Muscat (hawn taht imsemmi *"probationer"*) gie misjub hati kif indikat fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti llum stess li mmodifikat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Gunju 2005;**

**“Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ *Probation*;**

**“U wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni lill-*probationer*, inkluzi l-htigiet mizjuda skond is-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446, u nnutat li l-istess *probationer* wera li jrid ihares il-htigiet ta’ l-istess Ordni;**

**“Tordna li l-*probationer* ikun taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-*Probation* ghal zmien ta’ tliet snin millum b’dawn il-htigiet:**

**“Li matul dan il-perijodu l-*probationer* igib ruhu tajjeb u joqghod ghad-direttivi <u>kollha</u> tal-ufficjal tal-*Probation*, inkluzi in partikolari direttivi sabiex jattendi u joqghod ghall-kura u rijabilitazzjoni (kompriza dik residenzjali) mehtiega minhabba l-problema tad-droga.**

**“L-ufficjal tal-*Probation* ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imgieba tal-*probationer*.”**

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2008 is-*senior probation officer* **Mariella Camilleri** kkonfermat id-denunzja bil-gurament u qalet li tul il-programm li kien qieghed jaghmel kien qieghed jinghata ghajnuna psikologika.

**Vicky Scicluna** mbaghad xehdet li lil Ronnie Muscat <u>ghadu qed jarah il-psikjatra Dott. Anthony Dimech</u> peress illi ghalkemm johrog mill-programm xorta jibqa’ taht il-kura tal-psikjatra. Hija qalet li mir-rapport tal-*key-worker* tieghu,

David Azzopardi, jirrizulta li l-Gimgha 14 ta’ Novembru Ronnie Muscat, wara li temm il-programm ta’ sena ta’ rijabilitazzjoni ta’ Santa Marija, beda l-fazi tar-*re-entry*. Bejn is-Sibt u l-Hadd huwa rrilepsja u ghaldaqstant gie mitlub imur id-dar b’dan li jekk fi zmien gimgha jaghti *urine clean*, kien jigi kkunsidrat biex imur lura fil-programm. It-Tlieta 25 ta’ Novembru mar ikellem lil David Azzopardi dwar il-qaghda tieghu. Tkellmu mat-tabib tieghu Dr. Antoine Ellul u gie propost li dak li ghandu bzonn fil-mument huwa li jkun f’lokal protett. Fil-fatt huwa gie accettat Dar l-Impenn. Qalet li skond Ray Grech li huwa nkarigat mit-tmexxija ta’ Santa Marija, jekk jibqa’ *clean* kien ser jigi accettat lura Santa Marija izda mhux necessarjament fl-istadju tar-*re-entry*.

Issa, wahda mill-aktar kondizzjonijiet importanti ta’ l-ordni ta’ *probation* kienet intiza biex Ronnie Muscat jikkompleta programm shih ta’ rijabilitazzjoni minhabba l-problema ta’ l-abbuz tad-droga. Naturalment dan kemm fl-interess tieghu nnifsu kif ukoll sabiex ma jibqax minaccja ghas-socjeta` billi jirrikorri ghal serq ripetut u hsarat volontarji apparti delitti ohra. Ghalkemm wara hafna xoghol da parti ta’ kull min kien ikkoncernat huwa rnexxielu jikkompleta l-fazi residenzjali f’Santa Marija, sfortunatament hekk kif beda l-perijodu ta’ *re-entry* huwa rega’ ha d-droga eroina kif ammetta huwa stess kemm ma’ l-ufficjal tal-*probation* tieghu kif ukoll ma’ l-istaff ta’ Santa Marija u safa sospiz mill-programm.

Dan ifisser li Ronnie Muscat kiser l-ordni ta’ *probation* peress illi naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-ufficjal tal-*probation* sabiex izomm ‘il boghod mid-droga u naqas b’hekk milli jkompli l-programm ta’ rijabilitazzjoni. Ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tittratta mieghu kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti konsegwentement rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ronnie Muscat li dwarhom din il-Qorti, permezz tas-sentenza taghha tat-23 ta’ Jannar 2006 stabbiliet li kien hati, u li dwarhom kienet iddecidiet li takkordalu l-beneficcju ta’ ordni ta’ *probation*, u cioe` talli:

(1) F'Novembru 2001, u fix-xhur ta' qabel, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;

(2) Fil-11 ta' Jannar 2002, ghall-habta tan-12.30 p.m. fil-Floriana, ikkommetta serq ta' radio cassette tal-marka Kenwood li l-valur tieghu hu ta' Lm89, minn Jeep numru tar-registrazzjoni HAB-419 tal-marka 'Suzuki Samurai' ghad-dannu ta' Catherine Balzan mill-Birgu;

(3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamel hsara fil-vettura fuq imsemmija proprjeta` tal-istess Catherine Balzan, liema hsara hija ta' aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda mhux aktar minn hamsin liri Maltin (Lm50) ghad-dannu ta' l-istess Catherine Balzan;

(4) B'hekk sar recidiv b'sentenza li saret definittiva moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-24 ta' Lulju 2000.

Bl-imsemmija sentenza tat-23 ta' Jannar 2006 din il-Qorti ddecidiet illi taghmel ordni ta' *probation* peress illi l-imsemmi Ronnie Muscat **"jidher li, kuntrarjament ghal dik li kienet is-sitwazzjoni meta nghatat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, qieghed juri determinazzjoni sabiex jeghleb il-problema tal-vizzju tad-droga, jidhrilha li huwa ta' beneficcju ghalih u anke ghas-socjeta` li jinghata din l-opportunita` ahharija biex ikompli l-process ta' rijabilitazzjoni."** Minkejja l-isforzi kollha li

saru mill-ufficjal tal-*probation* kif ukoll mill-istaff kollu ta' Santa Marija, Ronnie Muscat ma kienx sod bizzejjed biex jibqa' mbieghed mill-mishuta droga. Huwa minnu illi ammetta mill-ewwel li kien ha l-eroina u fil-fatt iddahhal mill-ewwel f'Dar l-Impenn bl-iskop li jkun jista' jerga' jidhol fil-Komunita` Santa Marija. Izda din il-Qorti ma tistax ma tqisx in-nuqqas ta' Ronnie Muscat bhala nuqqas gravi specjalment meta kien biss fid-19 ta' Novembru 2008 li nghata rapport pozittiv dwaru u l-Qorti heggitu biex ikompli t-triq it-tajba. Minflok izda huwa ceda ghall-ewwel tentazzjoni minghajr ma qaghad iqis il-konsegwenzi ta' tali nuqqas. B'hekk din il-Qorti ma jibqaghlhiex triq ohra ghajr li tapplika r-riguri tal-ligi kriminali kontra dan il-hati, b'dan li sejra taghmel ir-rakkomandazzjonijiet li jidhrilha approprjati in vista tal-htigiet partikolari tal-hati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Ronnie Muscat kiser il-kondizzjonijiet ta' l-ordni ta' *probation* tat-23 ta' Jannar 2006 maghmul minn din il-Qorti, qed tittratta mieghu ghar-reati li dwarhom hu kien tpogga taht *probation* li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk ir-reati, u filwaqt li terga' tikkonferma s-sejbien ta' htija ta' l-imputazzjonijiet kollha fuq riprodotti, tirrevoka l-ordni ta' *probation* maghmul bis-sentenza ta' din il-Qorti fuq imsemmija, u wara li rat ir-Reg. 9 tal-G.N. 292/1932 u l-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikoli 17(b)(h), 49, 50, 261(b)(g), 263(a), 271(g), 278(1)(2), 325(c), 31(1)(b)(ix)(viii) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil Ronnie Muscat ghal prigunerija ghal perijodu ta' tmintax-il xahar. Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin jipprovdi lill-imsemmi Ronnie Muscat l-ghajnuna psikologika u psikjatrika li huwa ghandu bzonn u jassistieh sabiex ikompli l-process ta' rijabilitazzjoni minhabba l-problema tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------